MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2005

Rikors Numru. 882/2005

Kawza fil-lista: 16

**Maltacom p.l.c.**
**Vs**
**Paul Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li bih is-socjeta’ rikorrenti ppremettiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit. Nru. 610/98AJM) giet deciza minn din Qorti fl-24 ta’ Gunju, 1998, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat jhallas il-Maltacom p.l.c. s-somma ta’ Lm2,733.25 (elfejn, seba’ mija, tlieta u tletin liri Maltin, u hamsa u ghoxrin centezmu), in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numri 801033.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b’hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte

fuq indikati, oltre Lm281.16 (mitejn, wiehed u tmenin liri Maltin, sittax-il centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument “A”, kif ukoll Lm1512.40 (elf, hames mija u tnax-il Lira Maltin u erbghin centezmu) imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-24 ta’ Mejju 2005, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta’ Lm4,526.81 (erbat elef, hames mija, sitta u ghoxrin Liri Maltin, wiehed u tmenin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta’ esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati oppotuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta’ Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-intimat li naqas li jipprezenta nota risposta u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ rikorrenti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta gustifikata.

Fil-kontumacja tal-intimat tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------